**424. Mozzjoni dwar is-settur tas-saħħa u l-privatizzazzjoni ta' xi servizzi bil-kuntratti ma' Vitals Global Healthcare.**

L-Onor Marlene Farrugia tipproponi illi:

Illi fid-dawl tal-fatt illi kemm il-poplu in ġenerali, il-MAM, il-UHM, l-Oppożizzjoni Nazzjonalista, kif ukoll il-Partit Demokratiku rappreżentat minni fil-Parlament ta' Malta, iħossuhom li mhumiex infurmati biżżejjed u kif xieraq dwar it-tibdiliet li qed iseħħu fis-settur tas-saħħa li jinkludu kuntratti li saru f'isimhom mal-Vitals Global Healthcare bi-implikazzjonijiet kollha tagħhom;

Din il-Kamra tħeġġeġ lill-Gvern sabiex jindirizza d-dubbji u n-nuqqas ta' trasparenza li qed jitfgħu dell ikrah fuq dak li qed jiġri fis-settur tas-saħħa inkluż il-kuntratti mal-Vitals Global Healthcare.

30.11.16